Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023
Taqsima B

A.L. 132 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics – M.Ger. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinamenti jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics – M.Ger. – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics – M.Ger. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 547 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (e) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) L-applikanti li għandhom il-Postgraduate Diploma in Gerontology and Geriatrics jistgħu jitħallew jidħlu għall-komponent tar-riċerka tal-Kors, jekk temmew b'suċċess il-programm tal-postgraduate Diploma għall-anqas b'marka medja ta' 55%."